



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0133/2013

28.3.2013

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/016 IT/Agile mill-Italja)
(COM(2013)0120 – C7-0060/2013 – 2013/2049(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Angelika Werthmann

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	7
NOTA SPJEGATTIVA	9
ANNEX II: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	12
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	15

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/016 IT/Agile mill-Italja) (COM(2013)0120 – C7-0060/2013 – 2013/2049(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0120 – C7-0060/2013),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba¹, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni²,
- wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu prevista fil-punt 28 tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006,
- wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0000/2013),
 - A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex jingħata appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji u biex jiġu megħjuna jerġgħu jintegraw ruħhom fis-suq tax-xogħol;
 - B. billi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 biex jinkludi sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija;
 - C. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-FII tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG;

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

- D. billi l-Italja ressqet l-applikazzjoni EGF/2011/016 IT/Agile għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, b'segwitu għall-1 257 sensja fil-kumpanija Agile S.r.l. bi 856 ħaddiem fil-mira għal miżuri kofinanzjati mill-FEG, matul il-perjodu ta' referenza mit-22 ta' Settembru 2011 sat-22 ta' Diċembru 2011;
- E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament dwar il-FEG;
1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament FEG huma sodisfatti u li, għalhekk, l-Italja għandha dritt għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dak ir-Regolament;
 2. Jikkonstata b'dispaċir li l-awtoritajiet Taljani ressqu l-applikazzjoni għall-kontribuzzjoni finanzjarja FEG fit-30 ta' Diċembru 2011, u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni fis-7 ta' Marzu 2013; jiddispaċih dwar il-perjodu ta' valutazzjoni twil ta' 15-il xahar; jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi l-fażi ta' evalwazzjoni u fl-aħħar tippreżenta l-proposti għal deċiżjonijiet fir-rigward tal-każijiet li għad fadal minn daww mressqa fl-2011;
 3. Josserva li l-1 257 sensja f'Agile S.r.l., impriża li topera fis-settur tal-Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni (TIK) fl-Italja, kienu kkawżati minn tnaqqis fir-ritmu ekonomiku aktar gravi milli mistenni tas-settur tat-teknoloġija tal-infurmazzjoni u mill-fatt li l-aċċess għall-kreditu sar iktar strett minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja li imponew piż addizzjonali fuq l-impriża, li ma rnexxilhiex issib soluzzjoni vantaġġuża u ġiet sottoposta għal proċedimenti ta' insolvenza fl-2010;
 4. Ifakkar li l-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet li s-setturi tat-TIK intlaqtu mill-kriżi fl-imgħoddi billi l-FEG sostna lill-ħaddiema sensjati fis-settur tat-TIK fl-Olanda (każ EGF/2010/012 Noord Holland)¹;
 5. Jenfasizza l-fatt li s-sensji f'Agile huma miftuxin fuq il-biċċa l-kbira tat-territorju tal-Italja, jiġifieri jolqtu 12 mid-19-il reġjun Taljan: Pjemonte, Lombardija, Veneto, Emilja-Romanja, Toskana, Umbrija, Lazjo, Kampanja, Pulja, Basilikata and Kalabrija u Sqallija;
 6. Josserva li matul it-tliet snin, mill-2008 sal-2010, ir-rata ta' qgħad fl-Italja żdiedet minn 6,8 % għal 8,5 % u li, fi tmienja mit-tnax-il reġjun ikkonċernat, ġiet irreġistrata żieda ogħla mill-medja nazzjonali li tvarja minn 1,9 % sa 2,6 %; jenfasizza l-fatt li s-sensji f'Agile se jaggravaw ulterjorment is-sitwazzjoni okkupazzjonali fraġli attwali, partikolarment fir-reġjuni tan-Nofsinhar fejn il-prospettivi ta' rkupru ekonomiku huma inqas ottimistiċi;
 7. Jilqa' pożittivament il-fatt li, biex il-ħaddiema jingħataw assistenza rapida, l-awtoritajiet Taljani ddeċidew li jibdwew l-implimentazzjoni tal-miżuri personalizzati fil-15 ta' Marzu 2012, ferm qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;
 8. Jistieden lill-awtoritajiet Taljani jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-appoġġ mill-FEG u

¹ Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 41, 15.2.2011, p. 8).

jinkoraġġixxu lill-ammont massimu ta' ħaddiema jieħdu sehem fil-miżuri; Ifakkar li l-interventi bikrin mill-FEG fl-Italja batew minn rata relattivament baxxa ta' implimentazzjoni baġitarja prinċipalment minħabba r-rati baxxi ta' parteċipazzjoni;

9. Jikkonstata li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati għall-finanzjament jinkludi miżuri għar-reintegrazzjoni ta' 856 ħaddiem fl-impjieġ bħall-konsulenza għall-karriera u valutazzjoni tal-ħiliet, għajna għar-rikollokament u għat-tfittix ta' impjieġ, taħriġ vokazzjonali u aġġornament tal-ħiliet, edukazzjoni postuniversitarja, promozzjoni tal-impreditorija, kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju, benefiċċji ta' għoti ta' impjieġ, mentoring wara l-integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieġ, konċessjonijiet għat-tfittix ta' impjieġ u kontribuzzjonijiet lejn spejjeż speċjali bħall-kontribuzzjoni għal dawk li jieħdu ħsieb lil persuni dipendenti, kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u kontribuzzjoni għall-ispejjeż relatati ma' bidla fir-residenza biex jibdeu impjieġ ġdid;
10. Jilqa' pożittivament, fil-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati, il-modulu "Mentoring wara l-integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieġ", li jimmira li jiżgura r-ritorn tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol ikun sostenibbli;
11. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' residenza għandhom jifhallsu biss bħala kontribuzzjoni ta' darba malli tiġi ppreżentata l-prova tan-nefqa mġarrba;
12. Jilqa' pożittivament il-kontribuzzjonijiet favur l-ispejjeż speċjali għal dawk li jieħdu ħsieb lil persuni dipendenti li huma previsti biex jippermettu r-rikonċiljazzjoni tal-ħaddiema mal-persuni dipendenti (tfal, anzjani, persuni b'diżabbiltà), iduru b'dawn il-persuni, iħallu lill-ħaddiema jipparteċipaw fil-programm bil-għan li t-taħriġ u t-tiftix ta' impjieġ ikunu rikonċiljati mal-obbligi familjari;
13. Jilqa' pożittivament il-fatt li s-sħab soċjali, u partikolarment l-involviment tat-trade unions fil-livell lokali, ġew ikkonsultati fuq it-tfassil tal-miżuri tal-pakkett koordinat tal-FEG u li politika ta' parità bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni se jkun applikati matul id-diversi fażijiet tal-implimentazzjoni tal-FEG u fl-aċċess għalih;
14. Ifakkar fl-importanza tat-titjib fl-impjegabilità tal-ħaddiema kollha permezz ta' taħriġ adattat u r-rikonossiment tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karriera professjonali tal-ħaddiem; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għall-bżonnijiet tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja, iżda wkoll għall-ambjent kummerċjali reali;
15. Jitlob lill-Kummissjoni tiddeskrivi ulterjorment fid-dettall fil-proposti futuri t-tipi ta' taħriġ mogħti, f'liema setturi huwa probabbli li l-ħaddiema jsibu impjieġ u jekk it-taħriġ offrut huwiex allinjat mal-prospetti ekonomiċi u mal-esiġenzi tas-suq tax-xogħol futuri fir-reġjuni kkonċernati mis-sensji iżda jilqa' favorevolment ir-rabta stretta bejn il-vawċer u kull pjan maqbul ta' reintegrazzjoni tal-ħaddiema;
16. Jikkonstata li l-informazzjoni mogħtija dwar il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati għall-finanzjament mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet ifffinanzjati mill-Fondi Strutturali; jisħaq li l-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data

fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

17. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni tajba u rapida bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma u jħejju l-applikazzjonijiet fl-ambitu tar-regolament FEG imminenti bil-għan li jingħata malajr sostenn mill-FEG;
18. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi neċessarji biex itejbu l-arranġamenti proċedurali sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejbja li ddaħħlet fis-seħħ mill-Kummissjoni, wara t-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni FEG flimkien mal-proposta biex jiġi mobilizzat il-FEG; jittama li jiġi integrat aktar titjib proċedurali u li jinkisbu effiċjenza, trasparenza u viżibilità akbar tal-FEG;
19. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa r-reintegrazzjoni f'impjieg stabbli ta' ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; jenfasizza, barra minn hekk, li l-assistenza FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri attivi għas-suq tax-xogħol li jwasslu għal impjieg sostenibbli u fit-tul; itenni li l-assistenza mill-FEG ma għandhiex tiegħu post azzjonijiet li huma l-kompetenza tal-kumpaniji skont id-dritt nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
20. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/016 IT/Agile mill-Italja)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba¹, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni², u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea³,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xoġhol.
- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) L-Italja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-impriża Agile S.r.l, fit-30 ta' Diċembru 2011 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali sat-2 ta' Ottubru 2012. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif inhu stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni, għalhekk, ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 3 689 474.
- (5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Italja,

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 3 689 474 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew,
Il-President*

*Għall-Kunsill,
Il-President*

NOTA SPJEGATTIVA

I. Kuntest

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni nħoloq biex jipprovdi għajnuna addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba¹ u tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006², il-Fond ma jistax jaqbeż ammont massimu ta' EUR 500 miljun, meħud mill-marġni taħt il-limitu massimu tan-nefqa globali mis-sena preċedenti, u/jew mill-approprijazzjonijiet ta' impenn ikkanċellati mis-sentejn ta' qabel, esklużi dawk relatati mal-Intestatura 1b. L-ammonti xierqa jiddaħħlu fil-baġit bħala proviżorju hekk malli jiġu identifikati l-marġnijiet u/jew l-impenni kkanċellati suffiċjenti.

Fir-rigward tal-proċedura, fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, sabiex l-Fond jiġi attivat il-Kummissjoni tippreżenta proposta lill-awtorità baġitarja għall-mobilizzazzjoni tal-Fond u, fl-istess ħin, tressaq talba korrispondenti għat-trasferiment. B'mod parallel, jista' jiġi organizzat trilogu sabiex jinstab qbil dwar l-użu tal-Fond u l-ammonti meħtieġa. It-trilogu jista' jkun f'forma semplifikata.

II. L-applikazzjoni Agile u l-proposta tal-Kummissjoni

Fis-7 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur l-Italja bħala appoġġ għar-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni.

Din hija t-tielet applikazzjoni li se tiġi eżaminata fil-kuntest tal-baġit tal-2013 u tirreferi għall-mobilizzazzjoni ta' ammont totali ta' EUR 3 689 474 mill-FEG għall-Italja. Din tirrigwarda l-1 257 sensja fil-kumpanija Agile S.r.l., fornitur Taljan ta' servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, bi 856 ħaddiem fil-mira għal miżuri kofinanzjati mill-FEG, matul il-perjodu ta' referenza mit-22 ta' Settembru 2011 sat-22 ta' Diċembru 2011; Is-sensji kollha ġew ikkalkolati skont it-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-applikazzjoni ntbagħtet lill-Kummissjoni fit-30 ta' Diċembru 2011, li ġiet integrata minn informazzjoni addizzjonali sat-2 ta' Ottubru 2012. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-FEG kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-awtoritajiet Taljani jargumentaw li, skont id-data disponibbli³, il-kriżi finanzjarja, partikolarment matul il-perjodu 2009/2008, ikkontribwiet notevolment għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku tas-settur tat-TIK. Bejn l-2005 u l-2008 s-suq tat-TIK fl-Unjoni Ewropea kiber b'rata li taqbeż it-3 % fis-sena (fl-2007, meta mqabbel mas-sena preċedenti, kiber b'6,8 %) filwaqt li l-2009 kienet is-sena li mmarkat l-inverżjoni tat-tendenza bi tkabbir negattiv ta' 2,4 %. Din it-tendenza 'l isfel kompliet fl-2010 (-1 %). Is-settur Taljan tat-TIK segwa

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ Assinform – Associazione Italiana per l'Information Technology (www.assinform.it)

andament analogu għal dak tal-UE kollha. Madankollu, il-kriżi ħalliet impatt kbir fuq is-settur u fl-2009 t-*tkabbir* negattiv laħaq -4,2 % u fl-2010 -2,5 % meta mqabbla mas-snin preċedenti rilevanti.

Il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija laqtu b'mod partikolarment iebes lis-suq tat-teknoloġija tal-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea. Fl-2009 l-volum tal-kummerċ naqas b'EUR 20 biljun, korrispondenti għal -5,4 % meta mqabbel mas-sena preċedenti. Fl-2009 s-sottosetturi tal-*hardwer* u tal-*għajnuna teknika rreġistraw*, meta mqabbla mal-2008, tnaqqis ta' 7,6 % fil-livell tal-UE u ta' 10 % fl-Italja, filwaqt li s-sottosetturi tas-*softwer* u tas-*servizzi* naqsu b'4 % fl-UE u b'5,6 % fl-Italja.

L-awtoritajiet Taljani jargumentaw li d-deklin enormi tas-settur tat-TIK fl-Italja laqat lil Agile S.r.l. b'mod partikolarment iebes. Il-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija splodiet meta Agile kienet qiegħda tbiddel l-istrateġija kummerċjali tagħha billi għaddiet mill-offerta ta' *servizzi ta' informazzjoni telefonika flivell lokali għall-offerta ta' servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni integrati flivell multireġjonali*. F'kuntest ta' tnaqqis ekonomiku l-isforzi tal-*impriża* u l-*investimenti neċessarji* ma rnexxilhomx jilhq u l-objettivi ta' *tkabbir ta' Agile*, b'hekk wasslu ftelf enormi u eventwalment insolvenza għas-sensji konsegwenti.

Il-pakkett koordinat ta' *servizzi personalizzati għall-finanzjament jinkludi miżuri għar-reintegrazzjoni ta' 856 ħaddiem fl-impjieg bħall-konsulenza għall-karriera u valutazzjoni tal-ħiliet, għajnuna għar-rikollokament u għat-tfittix ta' impjieg, taħriġ vokazzjonali u aġġornament tal-ħiliet, edukazzjoni postuniversitarja, promozzjoni tal-impreditorija, kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju, benefiċċji ta' għoti ta' impjieg, mentoring wara l-integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieg, konċessjonijiet għat-tfittix ta' impjieg u kontribuzzjonijiet lejn spejjeż speċjali bħall-kontribuzzjoni għal dawk li jieħdu ħsieb lil persuni dipendenti, kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u kontribuzzjoni għall-ispejjeż relatati ma' bidla fir-residenza biex jibdeu impjieg ġdid.*

Skont l-awtoritajiet Taljani, il-miżuri mibdija fil-15 ta' Marzu 2012 flimkien jiffurmaw pakkett koordinat ta' *servizzi personalizzati u jirrappreżentaw miżuri attivi għas-suq tax-xogħol immirati biex jintegraw mill-ġdid lill-ħaddiema fis-suq tax-xogħol.*

Fir-rigward tal-kriterji inklużi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Taljani fl-applikazzjoni tagħhom:

- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tissostitwixxix miżuri li huma l-kompetenza tal-kumpaniji skont id-dritt nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;
- urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

Fir-rigward tas-sistemi ta' *għestjoni u kontroll, l-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja tiġi għestita kif ġej: il-Ministero del lavoro e delle politiche sociali – Direzione Generale per le Politiche attive e Passive del lavoro (MLPS – DG PAPT)* se jkun l-

awtorità ta' ġestjoni, ta' ċertifikazzjoni u ta' awditjar (il-MLPS – DG PAPL Ufficio A bħala l-awtorità ta' ġestjoni; il-MLPS – DG PAPL Ufficio B bħala l-awtorità ta' ċertifikazzjoni u l-MLPS – DG PAPL Ufficio C bħala l-awtorità ta' awditjar). Tmien awtoritajiet reġjonali (jiġifieri Emilja-Romanja, Lazjo, Lombardija, Pjemonte, Toskana, Umbrija, Veneto u Sqallija) se jkun l-korpi intermedji għall-awtorità ta' ġestjoni.

III. Proċedura

Sabiex timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ppreżentat lill-awtorità baġitarja talba għal trasferiment għal ammont globali ta' EUR 3 689 474 mir-riżerva tal-FEG (40 02 43) għal-linja baġitarja tal-FEG (04 05 01).

Din il-proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond hija t-tielet imressqa lill-awtorità baġitarja fl-2013. L-ammont propost tal-kontribuzzjoni finanzjarja jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokat għall-FEG jibqa' disponibbli biex ikun allokat matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif meħtieġ fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

It-trilogu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG jista' jieħu forma semplifikata, kif previst fl-Artikolu 12(5) tal-bażi ġuridika, għajr fin-nuqqas ta' qbil bejn il-Parlament u l-Kunsill.

Skont ftehim intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali għandu jkun assoċjat fil-proċess, sabiex jipprovdi appoġġ kostruttiv u kontribut għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

ANNEX II: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJJIET SOĊJALI

EK/iċ
D(2013)16210

Onor. Alain Lamassoure
President tal-Kumitat għall-Baġits
ASP 13E158

Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) EGF/2011/016 IT/Agile mill-Italja (COM(2013)0120 finali)

Onorevoli President,

Il-Kumitat għall-Imjiegi u l-Affarijjet Soċjali (EMPL) kif ukoll il-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar il-FEG eżaminaw il-mobilizzazzjoni tal-FEG għall-każ **EGF/2011/016 IT/Agile mill-Italja** u adottaw l-opinjoni li ġejja.

Il-Kumitat EMPL u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-FEG huma favur il-mobilizzazzjoni tal-Fond b'rabta ma' din it-talba. F'dan ir-rigward, il-Kumitat EMPL jippreżenta xi rimarki mingħajr, madankollu, ma jqajjem dubju dwar it-trasferiment tal-pagamenti.

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat EMPL huma msejsa fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- A) billi din l-applikazzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 2(a) tar-regolament FEG u għandha l-għan li tappoġġa t-856 ħaddiem minn total ta' 1 257 ħaddiem li ngħataw is-sensja fl-impriża Agile fi ħdan il-perjodu ta' referenza bejn it-22 ta' Settembru 2011 u t-22 ta' Diċembru 2011;
- B) billi l-awtoritajiet Taljani jsostnu li s-sensji kienu kkawżati mill-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija li kkawżat waqgħat konsekuttivi fit-tkabbir fis-settur tat-TIK fl-2009 u fl-2010;
- C) billi l-awtoritajiet Taljani jafferu li t-tnaqqis laqat b'mod partikolari l-hardwer u l-għajnuna teknika (tnaqqis ta' 10 % fl-2009 fl-Italja) kif ukoll is-softwer u s-servizzi (tnaqqis ta' 5,6 % fl-2009 fl-Italja);
- D) billi l-awtoritajiet Taljani jafferu li Agile ntlaqtet mill-kriżi b'mod partikolarment iebes minħabba l-fatt li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku tas-settur seħħ waqt li kienu għaddejjin bidliet kbar fl-istrateġija kummerċjali ta' Agile (lejn l-offerta ta' servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni integrati) u l-kostijiet tal-investimenti ma setgħux ikunu koperti minn profitti dejjem aktar baxxi u dan wassal għall-insolvenza;
- E) billi s-sensji fi ħdan l-impriża Agile kienu miftuxin fuq il-biċċa l-kbira tat-territorju tal-Italja, jiġifieri laqtu 12 mid-19-il reġjun;
- F) billi 70,72 % tal-ħaddiema koperti mill-miżuri huma rġiel u 29,28 % huma nisa; billi 75,23 % tal-ħaddiema għandhom età bejn l-24 u l-54 sena u 23,87 % tal-ħaddiema għandhom età akbar minn 55 sena;

G) billi l-forza tax-xogħol sensjata ġejja minn diversi kategoriji: 36,36 % tal-ħaddiema sensjati huma tekniċi u professjonisti assoċjati, 29,99 huma definiti bħala professjonisti u 20,92 jagħmlu parti mill-kategorija tal-iskrivana;

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jintegra s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu rigward l-applikazzjoni Taljana:

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament FEG huma sodisfatti u li, għalhekk, l-Italja għandha dritt għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dak ir-Regolament;
2. Jikkonstata b'dispaċir li l-awtoritajiet Taljani ressqu l-applikazzjoni għall-kontribuzzjoni finanzjarja FEG fit-30 ta' Diċembru 2011, u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni fis-7 ta' Marzu 2013; jiddispaċih dwar il-perjodu ta' valutazzjoni twil ta' 15-il xahar; jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi l-fażi ta' evalwazzjoni u fl-aħħar tippreżenta l-proposti għal deċiżjonijiet fir-rigward tal-każijiet li għad fadal minn dawk mressqa fl-2011;
3. Ifakkar li l-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet li s-setturi tat-TIK intlaqtu mill-kriżi fl-imgħoddi billi l-FEG sostna lill-ħaddiema sensjati fis-settur tat-TIK fl-Olanda (każ EGF/2010/012 Noord Holland);
4. Jilqa' pożittivament il-fatt li, biex il-ħaddiema jingħataw assistenza rapida, l-awtoritajiet Taljani ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tal-miżuri personalizzati fil-15 ta' Marzu 2012 ferm qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;
5. Jistieden lill-awtoritajiet Taljani jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-appoġġ mill-FEG u jinkoraġġixxu lill-ammont massimu ta' ħaddiema jieħdu sehem fil-miżuri, ifakkar li l-interventi bikrin mill-FEG fl-Italja batew minn rata relattivament baxxa ta' implimentazzjoni baġitarja prinċipalment minħabba r-rati baxxi ta' parteċipazzjoni;
6. Jilqa' pożittivament il-fatt li s-sħab soċjali fil-livell lokali ġew ikkonsultati fuq it-tfassil tal-miżuri;
7. Jilqa' pożittivament, fil-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati, il-modulu "Mentoring wara l-integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieg" li jimmira li jiżgura r-ritorn tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol ikun sostenibbli;
8. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' residenza għandhom jitħallsu biss bħala kontribuzzjoni ta' darba malli tiġi ppreżentata l-prova tan-nefqa mġarrba;
9. Jilqa' pożittivament il-kontribuzzjonijiet favur l-ispejjeż speċjali għal dawk li jieħdu ħsieb lil persuni dipendenti li huma previsti biex jippermettu r-rikonċiljazzjoni bejn it-taħriġ u t-tiftix ta' impjieg u l-obbligi familjari;

10. Jitlob lill-Kummissjoni tiddekrivi ulterjorment fid-dettall fil-proposti futuri t-tipi ta' taħriġ mogħti, f'liema setturi huwa probabbli li l-ħaddiema jsibu impjieg u jekk it-taħriġ offrut huwiex allinjat mal-prospetti ekonomiċi u mal-esiġenzi tas-suq tax-xogħol futuri fir-reġjuni kkonċernati mis-sensji iżda jilqa' favorevolment ir-rabta stretta bejn il-vawċer u kull pjan maqbul ta' reintegrazzjoni tal-ħaddiema;
11. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni tajba u rapida bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma u jħejju l-applikazzjonijiet fl-ambitu tar-regolament FEG li jmiss bil-għan li jingħata malajr sostenn mill-FEG.

Dejjem tiegħek,

Pervenche Berès

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	26.3.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Zuzana Brzobohatá, Jean Louis Cottigny, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Claudio Morganti, Jan Mulder, Vojtěch Mynář, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, László Surján, Helga Trüpel, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Frédéric Daerden, Hynek Fajmon, Charles Goerens, Jürgen Klute, María Muñoz De Urquiza, Georgios Stavrakakis, Catherine Trautmann